**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**11 ta' Ġunju 2024**

**Rikors Numru 127/2023**

**Jesmond Farrugia**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Jesmond Farrugia** ppreżentat fis-6 ta' Diċembru 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *L-Awtorità tal-Artijiet, ppreżentat ittra ġudizzjarja (rif. 2221/2022), kontra l-esponenti, fis-27 ta' Mejju 2022 (**Dok. 'A'**).*

2. *Permezz ta' din l-ittra l-Awtorità sejjħet fuq l-esponenti Farrugia, sabiex dan jiżgombra ruħu, (ai termini tal-artikolu 9(1)(a) u tal-artikolu 10 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet Maltin) minn art li huwa qiegħed preżentement jokkupa, ossija "farmhouse li tinsab ġewwa l-għalqa magħrufa bħala ta' Kafkaf fl-inħawi ta' Djar il-Bniet fil-limiti tas-Siġġiewi bir-referenza Tenement Numru J48015". Din l-art ġiet "immarkata" fuq pjanta li ġiet annessa mal-istess ittra ġudizzjarja.*

3. *Jingħad preliminarjament illi filwaqt li l-ittra ġudizzjarja (rif. 2221/2022) tagħmel riferenza* **biss** *għar-razzett, bħala l-parti tal-*

*art tal-Gvern, l-esponenti allegatament qiegħed jokkupa mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, il-pjanta mehmuża mal-istess att ġudizzjarju (immarkata bħala Dok. LA1') timmarka ir-razzett bir-raba b'kollox.*

4. *Illi ir-raba kien jinħadem mill-mejta Carmela Farrugia li tiġi omm l-esponenti Jesmond Farrugia. Oriġinarjament l-inkwilin ta' din l-art kien ċertu Carmelo Vassallo, li għal żmien twil qabel ma miet, fl-2003, huwa kien qiegħed jiġi mgħejjun mill-mejta Carmela Farrugia u minn żewġha Pinu Farrugia. Wara mewt Vassallo, Carmena Farrugia baqgħet taħdem dan ir-raba u tokkupa r-razzett li huwa imqabbel miegħu.*

5. *Fil-21 ta' Frar 2001, (u allura qabel ma miet l-istess Vassallo) Carmela Farrugia kienet applikat dak iż-żmien mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex din tiġi rikonoxxuta bħala inkwilina ta' din l-art – dan bis-saħħa ta' skema li kienet imsejjħa tal-ħamsin lira (LM50) (rif. 4438) (**Dok. 'B'**). Illi Carmela Farrugia bdiet tħallas il-qbiela fuq l-art hi. Il-qbiela kienet dik ta' għaxar liri Maltin (LM10).*

6. *Illi fl-2006, il-mejta Carmela Farrugia, irċeviet ittra minn għand dak iż-żmien, id-Direttur tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà fejn infurmaha fost oħrajn li hija kienet qiegħda tiġi rikonoxxuta b'titolu prekarju fuq l-art, sakemm isir l-ipproċessar u l-finalizzazzjoni tal-applikazzjoni tagħha (**Dok. 'Ċ'**).*

7. *L-esponenti huwa s-suċċessur t'ommu, dan kif sejjer jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

8. *Illi f'daqqa waħda illum, permezz tal-istess ittra ġudizzjarja, l-esponenti ġie mgħarraf li din l-art (jew ir-razzett!) jinsabu imqabbla għand terzi (vide it-tieni (2) paragrafu).*

9. *L-esponenti qiegħed jikkontesta din id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet u għalhekk qiegħed jintavola dan ir-rikors, dan ai termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 12 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet Maltin. Id-deċiżjoni tal-iżgumbrament kif meħuda mill-Awtorità fil-konfront tiegħu, minħabba dan li ġie imfisser fil-premess (u*

*kif sejrin juru l-provi li ser jitressqu f'dawn il-proċeduri) d-deċiżjoni tal-iżgumbrament hija waħda mingħajr bażi legali.*

***Għaldaqstant, l-esponenti, qiegħed bil-qima jitlob lil dan it-Tribunal, sabiex ai termini tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 573, iħassar din id-deċiżjoni ta' żgumbrament għar-raġuni li din ma setgħetx tinħareġ skont il-liġi u sussidjarjament jekk ma titħassarx din id-deċiżjoni, ivarja l-istess deċiżjoni ta' żgumbrament skont kif jidhirlu li huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, dan b'ispejjeż kontra l-istess Awtorita tal-Artijiet.***

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' l-Artijiet** ippreżentata fid-29 ta' Diċembru 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*Illi l-Awtorita' ġiet notifikata bir-rikors fl-ismijiet su-ċitati nhar il-11 ta' Diċembru 2023 u ġiet mogħtija għoxrin ġurnata ċans biex tirrispondi skont il-liġi.*

*Illi dan l-Appell qiegħed isir minn Ordni ta' Żgumbrament li nħarġet ai termini tal-Artiklu 9, senjatament is-sub Artikolu 1 (a) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti. Dan abbażi tal-fatt li razzett li jifforma parti mit-tenement bin-numru ta' referenza J48015 kien qiegħed jiġi okkupat mill-istess rikorrent mingħajr titolu validu fil-liġi. Din l-ordni, komunikata permezz tal-Ittra Uffiċjali fl-Atti tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru ta' referenza 2221/2022 inħarġet skont kif trid il-liġi u bil-formalitajiet kollha rekwiżiti. L-istess ordni tinkludi wkoll pjanta li turi il-lok tar-razzett in mertu.*

*Illi ir-rikorrent ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u konsegwentament intavola dan l-appell, u liema qiegħed jiġi imwieġeb kif ġej;*

1. *Illi għall kull bon fini, l-esponenti tibda billi tissenjala li l-ordni ta' żgumbrament tirrelata għall-binja tar-razzett li jinsab fuq l-art li hija immarkata fil-pjanta annessa mal-Ittra Uffiċjali su-indikata. Ghalhekk ma hemm l-ebda lok ta' konfuzjoni dwar dan il-fatt, hekk kif jirriżulta ben ċar li r-rikorrent fehem liema huwa r-razzett in mertu. Dan jirriżulta kjarament mill-kumplament tal-aggravji mressqa mill-istess fir-rikors odjern.*

2. *Illi di fatti l-iżgumbrament kjarament tindika li "qiegħed tiġi nfurmat illi qiegħed tokkupa* ***l-farmhouse formanti parti mill-istess għalqa su-ċitata*** *mingħajr l-ebda titolu validu fil-liġi ... sabiex fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika lilek ta' din l-ittra* ***tivvaka l-fond hawn fuq imsemmi****"; u ossia mill-*

*Farmhouse li tinsab fuq l-għalqa indikata. Dan qiegħed jiġi wkoll indikat fir-rigward tal-fatt li l-Awtorita' sa dan l-istadju hija biss konxja tal-okkupazzjoni llegali tal-farmhouse, u għalhekk minn issa tirriserva li tipproċedi ulterjorament f' każ li fil-mori tirriżulta xi okkupazzjoni ulterjuri mingħajr titolu validu fil-liġi.*

3. *Illi r-rikorrent jissenjala korrettament illi din l-art kienet oriġinarjament imqabbla lill Carmelo Vassallo. Madanakollu, kif ser jirriżulta mill-mori, kull okkupazzjoni mis-Sinjura Carmela (jew Carmena) Farrugia kienet waħda irregolari u mingħajr l-ebda titolu validu fil-liġi. Di fatti, matul is-snin, il-Kummissarju tal-Artijiet kien ħareġ numru ta' ittri ta' żgumbrament fil-konfront tal-istess Farrugia, u li iżda madanakollu jirriżulta li finalment din l-art baqgħet tiġi okkupata mill-istess, u issa mit-tifel tal-istess Farrugia. Il-fatt li omm ir-rikorrent okkupat art tal-Gvern mingħajr titolu fil-liġi, ma jagħti l-ebda jedd jew pretensjoni lill binha sabiex jibqa jżomm l-istess.*

4. *Illi oltre minn hekk, ma huwiex minnhu li l-istess Carmela Farrugia applikat mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex tiġi rikonoxxuta fuq ir-razzett in mertu permezz tal-applikazzjoni tal-LM50 (ALPS) bin-numru ta' referenza 4438. Kif ser jiġi pruvat fil-mori, dik l-applikazzjoni ma tikkomprendiex ir-razzett li huwa mertu ta' dawn il-proċeduri. Kien permezz ta' ittri sussegwenti għall-istess applikazzjoni, u saħansitra għall-ordnijiet ta' żgumbrament su-ċitati, li Carmela Farrugia ittentat tinkludi ir-razzett bħala parti mill-applikazzjoni tagħha. Madankollu, il-Kummissarju tal-Artijiet qatt ma aċċetta tali żieda u bdil fil-konfigurazzjoni tal-applikazzjoni ta' Farrugia u għalhekk ir-razzett qatt ma kien meqjus bħala formanti mill-istess applikazzjoni.*

5. *Illi għalhekk ukoll, l-ittra illi Carmela Farrugia kienet irċeviet mingħand id-Direttur tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' (Anness bħala Dok Ċ mar-rikors promotur) ma tirrelatax għall-proprjeta' (razzett) illi qiegħed jiġi ordnat l-iżgumbrament minnha. Oltre dan, jiġi senjalat li anke li kieku dik l-ittra kellha tapplika (li mhux il-każ kif diġà spjegat), jirriżulta li r-rikonoxximent prekarju sar taħt għadd ta' kundizzjonijiet u liema ma jreġux fil-każ odjern. Dan fosthom il-fatt li r-razzett ma kienx u ma hux qiegħed jintuża għall-skop agrikolu.*

6. *Illi stante is-suespost, il-fatt li r-rikorrent huwa s-suċċessur t' ommu Carmela Farrugia, bl-ebda mod ma jissana l-posizzjoni tiegħu fuq dan ir-razzett ossia farmhouse. Bl-istess mod, anke jekk jirriżulta li tħallset xi qbiela mill-istess Farrugia, ir-rikorrent irid jipprova dan. L-esponenti anzi f'dan l-istadju*

*tissenjala li r-rikorrent (u anke ommu) qatt ma kienu ħallsu xi qbiela f' isimhom fuq dan ir-razzett. Dan jiġi kkonfermat ukoll mill-fatt li kien biss proprju jiem wara li ġie intavolat dan l-appell, li r-rikorrent ddepożita €193.65 permezz ta' ċedola fir-Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati sabiex skontu ikopri 10 snin qbiela b' lura u dan filwaqt fl-istess ċedola jiġi ammess li la ommu u bil-wisq anqas hu ma qatt kellhom titolu fuq din l-art in mertu.*

7. *Illi r-rikorrent kien konxju b'dawn il-kwistjonijiet rigward it-titolu tiegħu u t' ommu fuq din l-art, anke in vista tal-ordnijiet ta' żgumbrament li kienu ħarġu fil-konfront ta' ommu kif ġja su-spjegat.*

8. *Illi di fatti, l-mittenti sejra tkun qiegħda tipprova dak kollu allegat fl-ordni ta' żgumbrament. Madankollu, jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprovdi u juri kif huwa għandu titolu validu fil-liġi fuq ir-razzett in mertu, u kif l-ordni ta' żgumbrament hija mingħajr bażi legali.*

9. *Illi konsegwentament l-esponenti tissenjala li hija wettqet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-liġi, u kif ser jirriżulta hija għamlet il-verifiċi kollha neċċessarji u ikkunsidrat dak kull ma kien mistenni minnha. Kif su-spjegat, l-esponenti kienet korrettissima meta hija ħarġet l-ordni in kwistjoni, u dan anke in linea mal-obbligu legali tagħha li tassigura u tara li l- art tal-Gvern ta' Malta tiġi amministrata bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-istess.*

10. *Illi finalment huwa għalhekk li ma hemm xejn inġust jew abbużiv fl-ordni ta' żgumbrament.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrent appellanti, u dan bl-ispejjez interament għall-istess rikorrent appellanti.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra uffiċjali Numru 2221/22 ippreżentata fis-27 ta' Mejju 2022 li permezz tagħha ġie infurmat u nterpellat hekk:

*"Permezz tal-preżenti, l-Awtorita' tal-Artijiet tagħmel referenza għall-art li inti qed tokkupa u ċioe l-farmhouse li tinsab ġewwa l-għalqa magħrufa bħala ta' Kafkaf fl-inħawi ta' Djar il-Bjar fil-limiti tas-Siġġiewi bir-referenza Tenement Numru J48015 u liema proprjeta' qiegħda tiġi ndikata u mmarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawn annessa ma' din l-ittra bħala Dok LA1.*

*Illi l-imsemmija art agrikola hija mqabbla lil terzi persuni u għalhekk permezz tal-preżenti inti qiegħed tiġi nfurmat illi qiegħed tokkupa l-farmhouse formanti parti mill-istess għalqa suċitata mingħajr l-ebda titolu validu fil-liġi.*

*Illi in vista tas-suespost inti qiegħed tiġi nterpellat sabiex fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika lilek ta' din l-ittra tivvaka l-fond hawn fuq imsemmi u dan filwaqt illi tneħħi kwalunkwe affarijiet jew oġġetti personali li jinsabu fuq il-post u kif ukoll tneħħi l-aċċess illegali tal-istess razzett suċitat.*

*Illi din l-ordni ta' żgumbrament qiegħda tintbgħat ai termini tal-Artikolu 9 senjatament is-Sub Artikolu 1(a) tal-istess Artikolu 9, u tal-Artikolu 10 tal-Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Illi l-aggravju mressaq mir-rikorrenti huwa li ommu kienet applikat mal-predeċessur tal-Awtorita` intimata sabiex tiġi rikonoxxuta bħala kerrejja tar-raba' in kwistjoni, inkluż ir-razzett u għalhekk qed isostni li, *qua* suċċessur ta' ommu, huwa għandu dritt ikompli fit-tgawdija tal-istess razzett.

Illi għall-aħjar intendiment ta' kif seħħew il-fatti, it-Tribunal se jagħmel referenza kronoloġika għal dawk il-fatti li fl-opinjoni tiegħu huma l-iktar saljenti għal din il-kwistjoni, u ċioe`:

1. Illi din l-art kienet oriġinarjament immobbli ekkleżjastika li permezz tal-ftehim tal-1993 bejn il-Gvern Malti u s-Santa Sede għaddiet għand il-Gvern Malti. Jirriżulta illi l-istess art kienet imqabbla lil ċertu Carmelo Vassallo;[1]

[1] Property Form a fol. 96

2. Carmelo Vassallo ġie nieqes fl-14 ta' April 2001 fejn ħalla bħala eredi tiegħu lil Paul Vassallo, Aloysia Attard u Emanuel Darmanin;[2]
3. Fl-2001, Carmela Farrugia, omm ir-rikorrent, kienet ressqet applikazzjoni mat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern sabiex tingħata bi qbiela l-art magħrufa bħala "Ta' Ċafċaf" u ċioe` l-art li fuqha hemm ir-razzett in kwistjoni u li kienet mikrija lil Carmelo Vassallo;[3]
4. Aloysia Attard, Paul Vassallo u Emanuel Darmanin issottomettew tliet Formuli ta' Oġġezzjoni għall-applikazzjoni ta' Farrugia peress li fil-fehma tagħhom l-istess raba kellu jinqaleb fuqhom *qua* eredi ta' zijuhom Carmel Vassallo. Huma ddikjaraw ukoll li Farrugia kienet għamlet diversi manuvri sabiex ir-raba jinqaleb fuqha sakemm zijuhom kien għadu ħaj;[4]
5. Fit-23 ta' Lulju 2001, Paul Vassallo, Aloysia Attard u Emanuel Darmanin kitbu lid-Direttur tal-Uffiċju Konġunt fejn infurmawh li Carmela Farrugia kienet qed tagħmel xogħol bla permess fuq ir-razzett biex tikkonvertieh għal skop ta' twellija;[5]
6. Fil-11 ta' Ottubru 2002 id-Direttur tal-Uffiċju Konġunt kiteb lil Carmela Farrugia u avżaha sabiex tieqaf milli tkompli tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-art "Ta' Kafkaf" fis-Siġġiewi. Hija ġiet mitluba wkoll sabiex tirripristina l-art fl-istat oriġinali tagħha;[6]
7. Fis-26 ta' Novembru 2002 reġgħet saret l-istess talba;[7]
8. Fil-11 ta' Frar 2003 il-Kummissarju ta' l-Artijiet ħareġ Ordni ta' Żgumbrament kontra Carmela Farrugia, sabiex toħroġ mill-fond mibni fuq l-art Ta' Kafkaf, fis-Siġġiewi;[8]
9. Permezz ta' ittra datata 10 ta' Novembru 2003, Carmela Farrugia ġiet infurmata mid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' illi l-applikazzjoni tagħha taħt l-Iskema tal-Qbiela kienet imrikkba fuq art li kien applika għaliha terz. Ġiet infurmata li qabel ma tiġi ċċarata l-posizzjoni ta' bejnha u bejn it-terz, id-Dipartiment ma setax ikompli jipproċessa l-applikazzjoni tagħha u għalhekk stieden lilha u lit-terz jaslu għal ftehim;[9]
10. Permezz ta' ittra legali datata 31 ta' Ottubru 2005, Carmela Farrugia, omm ir-rikorrent, infurmat lid-Direttur tal-Uffiċju Konġunt illi hija kienet

[2] Skont il-case officer report a fol. 40
[3] A fol. 144
[4] A fol. 135 *et sequitur*
[5] Dokument W a fol. 88
[6] Dokument V a fol. 87
[7] Dokument U a fol. 86
[8] Dokument T a fol. 85
[9] A fol. 130

tgħix ġewwa r-razzett in kwistjoni u taħdem ir-raba tal-madwar, filwaqt li kienet taħdem raba ieħor magħruf bħala "Ta' Brija" li kien għadu jgħajjat lil Carmel Vassallo. Għalhekk talbet li tifdi l-qbiela fir-rigward tar-razzett filwaqt li r-raba tal-madwar jinqaleb fuq isimha. Talbet ukoll li l-qbiela fuq l-art "Ta' Brija" ddur fuq isimha;[10]

11. Fil-11 ta' Diċembru 2008 il-Kummisarju ta' l-Artijiet ħareġ Ordni ta' Żgumbrament fuq l-art in kwistjoni fil-konfront ta' Carmela Farrugia;[11]
12. Fl-14 ta' Mejju 2009 il-Kummisarju ta' l-Artijiet ħareġ Ordni ta' Żgumbrament oħra;[12]
13. Illi l-fajl tal-art in kwistjoni għadda għand il-predeċessur tal-Awtorita` intimata fl-2009;[13]
14. Fl-2012, Carmela Farrugia, ippreżentat applikazzjoni intitolata *"Application For The Purchase Of The Temporary Directum Dominium (TDD) Of Government Property Or Leased Property Used As An Ordinary/Summer Residence";*[14]
15. Permezz ta' emejl datata 30 ta' Jannar 2013, Aloysia Attard kitbet lill-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi fejn ġabet a konjizzjoni tiegħu il-fatt illi l-art in kwistjoni kienet ilha għal snin okkupata minn terzi minkejja li nħarġu diversi Ordnijiet ta' Żgumbrament;[15]
16. Permezz ta' emejl datata 5 ta' Frar 2013, it-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern wieġbet lil Attard fs-sens illi t-terzi li qed jokkupaw l-art għamlu applikazzjoni sabiex jiġu rikonoxxuti pero` stedinha sabiex iġġib prova ta' dak allegat minnha;[16]
17. Permezz ta' ittra datata 30 ta' Diċembru 2013, id-Direttur tal-Uffiċju Konġunt informa lil Carmela Farrugia illi l-art in kwistjoni ma setgħetx tinxtara peress li ma kellha ebda titolu fuq l-istess art;[17]
18. Minn spezzjoni li saret fid-29 ta' Ottubru 2014 ġie nnutat li r-razzett kien qed jintuża bħala residenza;[18]
19. Carmela Farrugia ġiet nieqsa fl-1 ta' Lulju 2018;[19]

---

[10] Dokument O a fol. 74 u 75
[11] Dokument M a fol. 71
[12] Dokument L a fol. 70
[13] Ara Property Form a fol. 86
[14] A fol. 56
[15] A fol. 187
[16] A fol. 184
[17] Dokument I a fol. 53
[18] Case officer report a fol. 41
[19] Ibid.

20. Permezz ta’ ittra datata 12 ta’ April 2019, Aloysia Attard u Emanuel Darmanin talbu li jingħataw id-dritt li jakkwistaw ir-raba bir-razzett;[20]
21. Minn spezzjoni li saret fis-6 ta’ April 2021 irriżulta li l-art in kwistjoni kienet qiegħda tiġi okkupata mir-rikorrent u l-familja tiegħu;[21]
22. Fil-laqgħa tal-Bord tal-Gvernaturi tal-4 ta’ Ottubru 2021 ġiet diskussa l-applikazzjoni tar-rikorrent u ġie deċiż li jittieħdu l-passi kollha opportuni biex jiġu żgumbrati l-okkupanti illegali;[22]
23. Fis-27 ta’ Mejju 2022 ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali li dwarha r-rikorrent intavola l-appell odjern.

Ir-rikorrent xehed illi ommu kienet ilha taħdem l-art ta’ madwar ir-razzett mill-bidu tad-disgħinijiet flimkien ma’ Karmnu. Spjega li Karmnu kien jgħix fir-razzett li pero` kien fi stat delapidat u għalhekk ommu bidlet is-soqfa u daħħlet id-dawl. Huwa stqarr li ommu applikat sabiex il-qbiela ddur fuqha u kienet ġiet rikonoxxuta b’titolu prekarju sakemm tiġi proċessata l-applikazzjoni. Spjega li wara li ġiet nieqsa ommu, hu kompla jaħdem ir-raba.

Ħut ir-rikorrent xehdu wkoll dwar l-istess fatti.

Dr. Glenice Stivala, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehdet illi wara li fl-2001 omm ir-rikorrent ippreżentat applikazzjoni bir-referenza 4438, is-Sinjura Farrugia talbet li ssir korrezzjoni biex l-art li kienet ressqet it-talba tagħha dwarha, tiżdied fid-daqs tagħha. Dr. Stivala stqarret li għal din l-applikazzjoni kienu ġew ippreżentati oġġezzjonijiet da parti ta’ terzi. Spjegat li matul is-snin kien hemm diversi ordnijiet ta’ żgumbrament fil-konfront tas-Sinjura Farrugia mit-*tenement* kollu. Dr. Stivala ppreċiżat illi r-rikorrent ġie ordnat jiżgombra mir-razzett u dana għaliex l-informazzjoni li kellha l-Awtorita` kienet illi r-razzett biss kien qed jiġi okkupat minnu.

**Ikkunsidra:**

Illi l-aggravju mressaq mir-rikorrent fir-rikors promotur huwa illi d-deċiżjoni li ħadet l-Awtorita` intimata fil-konfront tiegħu hija waħda bla bażi legali. It-Tribunal fehem illi r-rikorrent qiegħed jikkontendi li l-Awtorita` intimata m’għandhiex dritt tiżgumbrah għaliex ommu kienet tokkupa dan ir-razzett għal ħafna snin u anke ssottometiet applikazzjonijiet sabiex ir-razzett idur fuq isimha.

---

[20] Dokument GS3 a fol. 182
[21] Case officer report a fol. 41
[22] Dokument D a fol. 38

Illi t-Tribunal josserva illi fl-ittra uffiċjali Numru 2221/22 jissemmew kemm "art agrikola" u kif ukoll "il-*farmhouse"*. Madanakollu Dr. Glenice Stivala ikkonfermat fix-xhieda tagħha illi dak li r-rikorrent qiegħed jiġi ordnat li jiżgombra minnu hija "l-*farmhouse"*.[23]

Illi t-Tribunal fela sew l-applikazzjonijiet u l-korrispondenza li saret matul is-snin bejn Carmela Farrugia u l-predeċessur tal-Awtorita` intimata. Minn din id-dokumentazzjoni ma jirriżultax illi l-predeċessur tal-Awtorita` qatt irrikonoxxa lil Carmela Farrugia la fil-qbiela tal-art agrikola u lanqas fir-rigward tar-razzett in kwistjoni. Anzi, bil-kontra, kien ħareġ iktar minn Ordni ta' Żgumbrament waħda biex is-Sinjura Farrugia tiżgombra mill-istess art. Madanakollu dawn l-Ordnijiet ta' Żgumbrament ma jirriżultax li kienu effettivi stante li s-Sinjura Farrugia baqgħat tokkupa l-istess art u razzett, kif issa qed jokkupa r-rikorrenti. Illi għaldaqstant mhux talli r-rikorrent ma jista' jivvanta ebda titolu iżda jirriżulta li lanqas l-ante causa tiegħu ma kellha xi titolu fuq l-art agrikola u r-razzett in kwistjoni. Filwaqt li jista' jkun minnu li s-Sinjura Farrugia għamlet xi snin taħdem l-art li kienet imqabbla lil Vassallo, dan ma jfissirx illi hija akkwistat xi drittijiet fuq l-istess art, wisq inqas akkwista xi drittijiet ir-rikorrent. Id-dokumenti kollha pjuttost juru li l-Ordnijiet li ħarġu mas-snin mill-predeċessur tal-Awtorita` intimata ġew sfidati u injorati bl-awtoritajiet sa riċentement, minkejja li kienu konsapevoli ta' dan kollu, ftit li xejn urew ħeġġa biex l-okkupazzjoni illegali tispiċċa.

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Ordni ta' Żgumbrament mir-razzett in kwistjoni kienet waħda legali u mistennija li ssir mill-Awtorita` intimata, liema Awtorita` għandha d-dover li tamministra l-art pubblika *qua bonus paterfamilias.* Għaliex liema missier tajjeb tal-familja iħalli proprjeta` tiegħu tiġi okkupata minn persuni li m'għandhom ebda titolu fuq l-istess art? It-Tribunal japprezza illi l-art pubblika hija vasta u xi kultant ikun diffiċli biex l-Awtorita` intimata tinduna mill-ewwel bl-abbuż, pero` fejn tiġi a konoxxenza ta' tali abbuż huwa mistenni minnha li taġixxi tempestivament biex l-abbuż ma jkomplix.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad it-talba tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

---

[23] Xhieda ta' Dr. Glenice Stivala a fol. 168

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**